MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru. 856/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**JESMOND SGHENDO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jesmond Sghendo ta' 33 sena, bin il-mejjet Joseph u Margareth nee' Zammit, imwieled Pieta fid-19 ta' Jannar 1970, u li joqghod fil-fond 'Lucianne Flats', Flat Nru. 2, Triq L. Zamenhof, Msida, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 70770M;

Billi gie akkuzat talli; f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Talli; fit-2 ta' Settembru 2003 u fix-xhur ta' qabel, f'San Giljan u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taha taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz **AAD 253** fuq vettura tal-ghamla Ford Escort MK1 (numru tar-registrazzjoni originali **LCB 225**), ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Akkuzat ukoll talli; fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahal n-numru tar-registrazzjoni **AAD 253** fuq vettura tal-ghamla Ford Escort MK1 (numru tar-registrazzjoni originali **LCB 225**), ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli: fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni originali **LCB 225**, b'numri **AAD 253** li jappartjenu vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

Akkuzat ukoll talli: fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla Austin Metro bin-numru tar-registrazzjoni originali **AAD 253**, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport

Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

Akkuzat ukoll talli: naqas li fi zmien sebat ijiem jaghti avviz bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar ix-xiri ta' vettura tal-marka Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni originali **LCB 225**, u ta' vettura tal-marka Austin Metro bin-numru tar-registrazzjoni originali **AAD 253,** ai termini tal-Artikolu 26 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 8 tal-Process u nnutat li l-imputat Jesmond Sghendo m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 188 u 189 tal-Kap. 9, l-artikolu 3 tal-Kap. 104, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u ir-Regolament 26 tal-Avviz Legali 128/1994 (illum

Regolament 29 tal-Avviz Legali 476/2004) tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jesmond Sghendo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-imputat Jesmond Sghendo taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Jesmond Sghendo ghall-piena ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin Euro u tlieta u disghin centezmi ta' Euro (Euro 628.93) multa ekwivalenti ghall-mitejn u sebghin Liri Maltin (Lm 270).

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Jesmond Sghendo milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jesmond Sghendo l-isjpegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------